MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 355/2008

**Is-socjeta` Worldwide Import and Export Company Limited**
**(numru tar-registrazzjoni C 6622)**

**vs**

**Gelati Riviera Limited**
**(numru tar-registrazzjoni C 22424)**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta` attrici ppremettiet illi:

1. Is-socjeta` konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici s-somma bilancjali ta` tnejn u hamsin elf u mija u wiehed u erbghin Ewro u wiehed u disghin centezmu

(€52,141.91) liema somma tirraprezenta bilanc dovut bhala prezz ta` merkanzija varja li s-socjeta` attrici kkonsenjat lill-istess socjeta` konvenuta fuq inkarigu u struzzjonijiet taghha stess kif jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dokument ‘A’, u d-diversi fatturi u *delivery orders* relattivi u li qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dokument ‘B1 sa B33’.

2. Kif jirrizulta mill-istess rendikont hawn fuq imsemmi, is-socjeta` attrici diga` ghamlet numru ta` pagamenti fir-rigward tas-somma dovuta, fejn l-ahhar pagament sar f`Dicembru tas-sena 2007, u li ghalhekk jibqa` l-bilanc globali tas-somma hawn fuq indikata.

3. Minkejja li s-socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas il-bilanc dovut, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti.

4. Fil-fehma tas-socjeta` attrici dan id-dejn huwa veru, cert, likwidu u dovut u s-socjeta` konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet xi ggib ghat-talba ta` hlas tas-socjeta` attrici.

5. Ghalhekk dan jaghti d-dritt lis-socjeta` attrici sabiex tipprocedi kontra s-socjeta` konvenuta bi proceddiment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, kif fil-fatt qed jaghmel.

6. Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex m`ghandhiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, u tikkundanna, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur nomine **is-somma bilancjali ta` tnejn u hamsin elf u mija u wiehed u erbghin Ewro u wiehed u disghin centezmu (€52,141.91)** rapprezentanti l-import totali tal-fatturi u *delivery orders* imsemmija u hawn annessi u li huma ndikati fir-rendikont imsemmi u hawn anness, liema somma ghadha sa llum dovuta bl-imghaxijiet legali mid-data rispettiva ta` kull fattura sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta` qbid u tal-mandat ta` sekwestru kontra s-socjeta` konvenuta li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejjaha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Semghet lix-xhud prodott.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa` t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------